

32000R1671

29.7.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 193/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1671/2000
tal-20 ta' Lulju 2000**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 918/83 fir-rigward ta' deroga temporanja għall-importazzjonijiet tal-birra ħielsa mid-dazju fil-Finlandja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Skond l-Artikolu 47(2) tiegħu, l-Istati Membri jistgħu inaqqsu dan l-ammont għal 90 EUR għall-vjaġġaturi taħt il-15-il sena.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

- (5) Il-Finlandja talbet deroga minn dawn il-valuri u talbet sabiex tapplika limitazzjoni kwantitativa għall-importazzjonijiet ta' birra ħielsa mid-dazju minn pajjiżi terzi.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

- (6) Limitu ta' mhux anqas minn 6 litri ta' birra jidher xieraq, meta wieħed jikkunsidra l-pożizzjoni ġeografika tal-Finlandja u d-diffikultajiet ekonomiċi tal-bejniegħa bl-immunità Finlandiżi li jinsabu fir-reġjuni tal-fruntiera u t-telf konsiderevoli ta' dħul kawżat miż-żieda fl-importazzjoni ta' birra ħielsa mid-dazju minn pajjiżi terzi.

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 26 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti suġġetti għat-taxxa tas-sisa u fuq il-pussess, il-moviment u l-monitoraġġ ta' daww il-prodotti ⁽³⁾, jagħti lill-Finlandja d-dritt li iżżomm limitu kwantitattiv għall-akkwist ta' birra minn Stati Membri oħra ta' 15-il-litru, kif stabbilit fl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, li huwa eżenti minn taxxi Finlandiżi.

- (7) Hemm bżonn li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għal din id-deroga sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-vjaġġaturi mal-Komunità kollha wara perjodu ta' transizzjoni.

- (2) Il-Finlandja għandha tiegħu miżuri sabiex tiżgura li l-importazzjonijiet tal-birra minn pajjiżi terzi ma' jitħal-lewx taħt kundizzjonijiet aktar favorevoli minn importazzjonijiet ta' dan it-tip minn Stati Membri oħra.

- (8) Huwa xieraq li din id-deroga tinżamm għal sentejn aktar mir-restrizzjoni għall-birra mportata fil-Finlandja minn Stati Membri oħra, sabiex kummerċ bl-immunità Finlandiżi jitħalla jadatta ruħu għas-sitwazzjoni l-ġdida,

- (3) Billi l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83, tat-28 ta' Marzu 1983 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' ħelsien mid-dazju tad-dwana ⁽⁴⁾, jipprovdli li l-oġġetti li jkunu jinsabu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi għandhom ikunu ammessi ħielsa mid-dazji fuq l-importazzjoni, dment li mportazzjonijiet ta' dan it-tip ikunu ta' natura mhux kummerċjali.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu li ġej għandu jiddaħal fir-Regolament (KEE) Nru 918/83:

- (4) Skond l-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83, il-valur totali tal-birra ammissibbli ħielsa mid-dazji ta' l-importazzjoni ma' tistax teċċedi 175 EUR kull vjaġġatur.

"L-Artikolu 47b

Permezz ta' deroga minn dawn il-valuri mniżżla fl-Artikolu 47, il-Finlandja għandha tiġi awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2005 li tapplika limitu kwantitattiv ta' mhux anqas minn 6 litri għall-importazzjonijiet ta' birra ħielsa mid-dazju."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2000.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2000 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fl-24 ta' May 2000 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

⁽³⁾ ĠU L 76, tat-23.3.1992, p.1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/99/KE (ĠU L 8, tal-11.1.1997, p.12).

⁽⁴⁾ ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 355/94 (ĠU L 46, tat-18.2.1994, p. 5).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

F. PARLY
